**136. L-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Claudio Grech jipproponu:**

## MOZZJONI BIEX IL-PAZJENTI JINGĦATAW L-GĦAŻLA LI JIEĦDU L-KURA TAS-SAĦĦA LI HUMA INTITOLATI GĦALIHA SKONT IR-REGOLAMENTI DWAR KURA TAS-SAĦĦA TRANSKONFINALI MINN FORNITURI PRIVATI LOKALI

Din il-Kamra:

TINNOTA li s-servizz tas-saħħa huwa pilastru ewlieni tas-soċjetà ta' pajjiżna li jixhed il-valuri li jgħożż il-poplu Malti u Għawdxi fosthom dawk tal-ġustizzja soċjali u d-dinjità tal-bniedem għal tul il-ħajja kollha tiegħu;

TINNOTA li s-settur tas-saħħa pubblika huwa mistenni li jipprovdi servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, b'dinjità sħiħa u dan jipprovdih fi żmien aċċettabbli għall-kundizzjoni tal-pazjenti;

TINNOTA li matul dawn l-aħħar snin il-poplu Malti u Għawdxi gawda minn servizz tas-saħħa b'xejn kif ukoll minn titjib kontinwu fil-kwalità tas-servizzi tas-saħħa pubbliċi, li qed jirriżulta f'aktar nies jgħixu aktar fit-tul u jgawdu kwalità ta' ħajja ħafna aħjar;

TINNOTA li fl-aħħar snin Gvernijiet Nazzjonalisti niedew firxa ta' miżuri bi sħab mas-settur privat li permezz tagħhom eluf ta' pazjenti Maltin u Għawdxin ibbenefikaw minn interventi u operazzjonijiet;

TINNOTA li hawn madwar 15,000 pazjent li qed jistennew li jsirilhom xi tip ta' intervent u/jew operazzjoni u li terz minnhom ilhom aktar minn sena jistennew li dan isirilhom;

TINNOTA li pajjiżna implimenta id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/24/EU dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 528.03 'Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali' li ddaħħlu permezz ta' Avviż Legali 389 tal-2013 tal-25 ta' Ottubru 2013;

TAGĦRAF li kemm il-programmi politiċi tal-Gvern kif ukoll tal-Oppożizzjoni jaqblu li s-settur privat għandu jkollhom rwol aktar ċentrali fl-għoti tas-servizzi tas-saħħa;

TIPPROPONI li:

(a) Persuna assigurata hekk kif definita fl-Att dwar is-Saħħa li tkun intitolata għar-rimborz għal spejjeż relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali tingħata l-għażla li tieħu l-istess kura tas-saħħa minn fornitur privat lokali tas-servizzi tas-saħħa.

(b) Il-kundizzjonijiet, ir-rimborz massimu u l-proċedura għar-rimborz li persuna assigurata tkun intitolata għalihom li tagħżel li tieħu l-istess kura tas-saħħa minn fornitur privat lokali jkunu l-istess kif stipulati fir-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali.

(c) Id-dispożizzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Awtorizzazzjoni minn qabel, hekk kif stipulati fir-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali, ikunu japplikaw ukoll fil-każ li persuna assigurata tagħżel li tieħu l-kura tas-saħħa minn fornitur privat lokali.

(d) Ikun hemm trasparenza sħiħa ta' dak li l-pazjenti huma intitolati għalih billi l-Gvern jippubbika r-Reġistru hekk kif provdut f'Art. 26(2) tal-Att dwar is-Saħħa kif ukoll il-Lista ta' Proċeduri li jeħtieġu Awtorizzazzjoni minn Qabel għall-Kura tas-Saħħa Transkonfinali hekk kif provdut f'Art. 10(2) tar-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali.

GĦALDAQSTANT il-Kamra tirriżolvi li:

1. Il-Ministru responsabbli għas-saħħa, idaħħal r-regolamenti leġislattivi, qafas kuntrattwali mas-settur privat u l-mekkaniżmi amministrattivi l-oħra kollha neċessarji biex persuna assigurata li tkun intitolata għar-rimborz għal spejjeż relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali tingħata l-għażla li tieħu l-istess kura tas-saħħa minn fornitur privat lokali tas-servizzi tas-saħħa u li dan isir skont id-dispożizzjonijiet imsemmija f'din il-Mozzjoni.

2. Il-Ministru responsabbli għas-saħħa għandu jneħħi kull inibizzjoni li hemm fir-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali li minħabba fiha persuna assigurata ma tistax tieħu l-kura tas-saħħa minn fornitur privat lokali.

3. L-imsemmija regolamenti leġislattivi, qafas kuntrattwali mas-settur privat u mekkaniżmi amministrattivi jiġu riferuti lill-Kumitat Permanent għas-Saħħa sabiex dan ikun jista' jiflihom bil-għan li jidħlu fis-seħħ b'mod effettiv u sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 2014.

4. Il-Ministru responsabbli għas-saħħa għandu jippubbika online r-Reġistru hekk kif provdut f'Art. 26 (2) tal-Att dwar is-Saħħa kif ukoll il-Lista ta' Proċeduri li jeħtieġu Awtorizzazzjoni minn Qabel għall-Kura tas-Saħħa Transkonfinali hekk kif provdut f'Art. 10(2) tar-Regolamenti dwar Kura tas-Saħħa Transkonfinali.

13.5.14

**Fis-Seduta numru 252 tal-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2015, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, l-Onor. Konrad Mizzi, ressaq din l-emenda:-**

It-test kollu wara l-kliem "Din il-Kamra" għandu jitħassar u minfloku għandu jidħol dan li ġej:-

Tinnota li kif imwiegħed mill-Gvern qabel l-elezzjoni ġenerali, se jkun qed jiddaħħal *charter* għal pazjenti biex jekk dawn jitħallew jistennew akter miż-żmien stipulat f'dan iċ-*charter*, ikollhom dritt għal kura fil-privat bi spejjeż tal-Gvern.

Il-Gvern qiegħed jiddiskuti mal-i*stakeholders* kollha dwar dan iċ-*charter*.

Il-Kamra tinnota li l-proposta tal-Oppożizzjoni hija inizjattiva li diġà qed jaħdem fuqha dan il-Gvern.

Il-Kamra:

Tinnota li dan il-Gvern jemmen li s-servizz tas-saħħa għandu jibqa' b'xejn għall-familji Maltin u Għawdxin u jkun aċċessibbli għal kulħadd b'servizz tal-aqwa kwalità;

Tinnota li l-Gvern jemmen li l-pazjent għandu jkun iċ-ċentru tal-politika tas-saħħa;

Tinnota l-ħtieġa ta' aktar investiment f'dan il-qasam u l-ħtieġa tas-sehem tas-settur privat.

Fl-isfond ta' dan kollu, jibqgħu jiġu offruti servizzi ta' saħħa b'xejn iżda fejn tkun tista' tiżdied il-kwalità tas-servizz mogħti.

Il-Kamra tinnota li f'Marzu 2013, dan il-Gvern sab li r-riżorsi umani fil-qasam tas-saħħa huma eċċellenti u professjonali, sab sptar modern iżda li huwa żgħir wisq għal ħtiġijiet tal-pajjiż, sab kura primarja li mas-snin tħalliet tiddeterjora u Sptar tal-Onkoloġija ġdid li kien għadu qed jinbena.

Iżda dan il-Gvern wiret sitwazzjoni ta' Sptar Ġenerali t'Għawdex meqjus bħala *sub-standard* b'faċilitajiet ta' rijabilitazzjoni prattikament ineżistenti u faċilitajiet limitati għall-anzjani.

Wiret sitwazzjoni wkoll ta' faċilitajiet tal-kura mentali *sub-standard*, nuqqas qawwi ta' infermiera minħabba n-*numerus clausus* ta' Gvern preċedenti u agħar minn hekk sitwazzjoni ta' nuqqas ta' sodod li kompliet tiżdied mal-ftuħ tal-Isptar Mater Dei.

Tinnota wkoll li l-Gvern wiret ukoll binja ta' San Luqa fi stat ta' abbandun u b'nuqqas ta' pjan dwar x'se jiġri minnha.

Faċilitajiet limitati għad-dermatoloġija u listi ta' stennija twal għall-operazzjonijiet u mijiet ta' mediċini *out-of-stock.*

Il-Gvern huwa kommess li jkompli jaħdem fuq dak li huwa tajjeb.

Tinnota li fi tmintax-il xahar biss il-Gvern ħadem fuq politika ta' ikel u nutrizzjoni, strateġija nazzjonali għad-dijabete u politika għall-ikel nutrittiv fl-iskejjel u attività fiżika.

Tinnota li l-Gvern ħadem fuq it-tisħiħ tal-kura primarja permezz ta' *outreach*, bereġ u *health centres*.

Introduċa servizz b'xejn tal-IVF u wettaq xogħlijiet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex u f'Monte Carmeli qed isir ix-xogħol biex jinfetaħ *unit* għaż-żgħażagħ.

Kif ukoll li naqqas b'mod drastiku l-mediċini *out-of-stock* mill-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek u għamel progress fit-tnaqqis tal-lista' ta' stennija għall-operazzjonijiet.

Tinnota wkoll li kompla jaħdem biex fejn jista' jżid is-sodod fl-istparijiet, iżda l-Gvern jirrikonoxxi li għad fadal ħafna xi jsir.

Il-Gvern huwa determinat li jagħmel il-bidla meħtieġa u jtejjeb il-faċilitajiet eżistenti għal servizz ta' livell dinji u jżid is-servizzi u s-sodod. Fiċ-ċentru ta' dan kollu jibqa' l-prinċipju ta' saħħa b'xejn għal kulħadd.

Matul l-erba' snin li ġejjin se nkunu qed inżidu l-kapaċità tas-sodod f'Malta u f'Għawdex, is-sodod għal anzjani u jittejbu l-faċilitajiet eżistenti.

Il-Gvern se jkun qed jiffoka fuq immaniġġar aħjar tal-isptar, biex iżid l-effiċjenza u jindirizza l-ħtiġijiet għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa.

Fl-istess waqt jiżviluppa strateġija għat-tul biex juża l-potenzjal li Malta għandha fil-qasam tat-turiżmu mediku. B'dan il-mod ikollna servizzi u faċilitajiet moderni ta' *standards* internazzjonali fejn il-pazjenti jingħataw kura f'ambjent diċenti, jitnaqqas il-ħin ta' stennija għal żmien raġonevoli, tiżdied il-kapacità ta' sodod ta' kwalità, jittejbu s-servizzi ta' rijabilitazzjoni, u l-isptar t'Għawdex jibda joffri servizz komplut. Fl-istess waqt jiżdiedu l-opportunitajiet għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa ta' issa u tal-futur.

Din il-Kamra tinnota li mal-ftehim li ġie ffirmat llum ma' Barts and the London School of Medicine and Dentistry ser ikun qed isir investiment massiv fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex li minnu se jkunu qed igawdu kemm il-pazjenti f'pajjiżna kif ukoll dawk li jiġu minn barra.

Se jkun qed isir ukoll żvilupp fl-Isptar Karin Grech għall-anzjani, ċentru ta' rijabilitazzjoni, ċentru għad-dermatoloġija, kif ukoll f'turiżmu mediku.

Dan kollu ser ifisser il-ħolqien ta' madwar 1,200 impjieg ġdid, tnaqqis fid-diskrepanza bejn l-Isptar Mater Dei u l-Isptar t'Għawdex, aktar sodod u f'madwar 300 student minn kulleġġ ta' fama mondjali f'pajjiżna.

Dan se jkun investiment kapitali ta' €200 miljun u se jwassal biex ikompli jitkattar il-ġid ekonomiku f'pajjiżna filwaqt li joħloq niċċa kummerċjali ġdida għal pajjiżna.

Il-Gvern se jkun qed jikkollabora mas-settur privat biex dan l-investiment massiv iseħħ fl-istess waqt li jassigura:

1. l-impjiegi eżistenti jinżammu;
2. l-impjegati jibqgħu fuq il-kotba tal-Gvern;
3. il-kunidizzjonijiet tal-ftehim kollettiv jinżammu; u
4. jinħolqu 1,200 impjieg ġdid.

Dan l-investiment se jirriżulta f'aktar ħolqien ta' impjiegi ġodda, mijiet ta' sodod ġodda għall-pazjenti f'pajjiżna, servizzi aħjar f'Malta u f'Għawdex, servizzi aħjar ta' rijabilitazzjoni u dermatoloġija u f'*campuses* ta' livelli mill-aqwa u fil-ħolqien tat-turiżmu mediku li se jwassal għal aktar investiment u tkabbir ekonomiku.

Dan l-investiment se jkun qed jikkumplimenta l-investiment ta' madwar 300 sodda fl-Isptar Mater Dei.

Il-Kamra tħeġġeġ lill-Gvern biex ikompli jaħdem f'din id-direzzjoni li mhux biss ser ittejjeb is-servizzi tas-saħħa iżda li se tpoġġi lill-pazjent direttament fiċ-ċentru ta' dawn is-servizzi waqt li dawn is-servizzi jibqgħu b'xejn għal kulħadd.

**L-emenda għaddiet nem.con.**